# ĦAJ HU QIEGĦED HAWN!

Il-ferħ tal-Vanġelu jimla l-qalb u l-ħajja kollha ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù. Dawk li jħallu lilU jsalvahom, jinħelsu mid-dnub, minn niket, mill-vojt ġewwieni, mill-iżolament.

Ma negħja qatt intenni kliem Benedittu XVI li jeħodna fil-qalba tal-Vanġelu: "Li tkun Nisrani mhux ir-riżultat ta' xi deċiżjoni etika jew ta' xi idea għolja, iżda hija laqgħa ma' ġrajja, ma' Persuna, li tagħti lill-ħajja orizzont ġdid u b'hekk direzzjoni deċiżiva."

**Papa Franġisku**

Ippruvaw ġibu quddiem għajnejnkom dik it-tfajla waqt li kienet id-dar u ġiet mogħtija l-aħbar: il-Madonna. Dan hu l-akbar eżempju ta' xi ħaġa li ma tistax tirriduċiha għall-ġrajjiet li ġraw qabel u li issa kienu l-preżent tagħha.

Aħsbu f'dak li ħassew ir-rgħajja meta' semgħu l-aħbar ta' l-Anġlu, jew ir-re maġi għall-aħbar li tagħha l-kewkba kienet sinjal: Ħaġa radikalment ġdida, li qatt ma kien hemm bħala: qatt ma setgħet tkun u issa qegħda hawn, qatt ma setgħet tkun ghax qatt ma stajna naħsbuha, qatt ma stajna nimmaġinawha, u issa qegħdha hawn.

Il-Kristjaniżmu huwa l-ġrajja ta' din l-aħbar. Aħbar mhux għax nismagħha, imma l-ewwel u qabel kollox, hi aħbar li turi lilha nnifisha lili: xi ħaġa li hija 'l barra minna u li tmissna fil-ġewwieni tagħna: imma hija aħbar barra minna. Il-Kristjaniżmu huwa preżenza fl-eżistenza tiegħek, preżenza li twassal għal bidla li qatt ma kont timmaġinha, tassew inimmaġinabbli.

**Luigi Giussani**



Elia u Giovanni Gagini, *Adorazzjoni tal-Maġi* (1457), Via degli Orefici, Ġenova. Ritratt: Genovastudio

MILIED 2018

COMUNIONE E LIBERAZIONE